31998R1980

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) nru 1980/98
tas-17 ta' Settembru 1998
li jiftaħ u jipprovdi għall-amministrazzjoni ta' kwoti ta' tariffi Komunitarji u livelli massimi ta' tariffi u t-twaqqif ta' sorveljanza Komunitarja fl-istruttura ta' kwantitajiet ta' riferenza għal ċerti prodotti agrikoli li joriġinaw fl-Istati Afrikani, tal-Karajbi u l-Paċifiku (ACP)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1706/98 tal-20 ta' Lulju 1998 dwar l-arranġamenti applikabbli għal prodotti u merkanzija agrikoli riżultanti mill-ipproċessar ta' prodotti agrikoli li joriġinaw fl-Istati Afrikani, tal-Karajbi u tal-Paċifiku (Stati ACP) u r-Regolament li jħassar (KEE) Nru 715/90 [1] u b'mod partikolari l-Artikolu 30 tiegħu,

Billi r-raba' Konvenzjoni ACP-KE [2], hawn taħt imsejħa "l-Konvenzjoni", tipprovdi għat-tneħħija jew riduzzjoni ta' dazji tad-dwana fuq l-importazzjonijiet fil-Komunità ta' ċerti prodotti li joriġinaw fl-Istati ACP fi ħdan struttura tal-kwoti tat-tariffi, livelli massimi ta' tariffi jew kwantitaijiet ta' riferenza; billi l-kwoti ta' tariffi, livelli massimi ta' tariffi jew kwantitajiet ta' riferenza li hemm dispożizzjoni għalihom fil-Konvenzjoni għandhom jinfetħu kull sena sakemm tiskadi l-Konvenzjoni;

Billi taqa taħt ir-responsibilta għall-Kummissjoni li tadotta miżuri ta' implimentazzjoni li għandhom x'jaqsmu mal-ftuħ u l-amministrazzjoni ta' kwoti ta' tariffi Komunitarji, livelli massimi ta' tariffi u kwantitajiet ta' riferenza;

Billi ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2454/93 tat-2 ta' Lulju 1993 li jistipula dispożizzjonijiet għall-implimentazzjoniji tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali Komunitarju [3], kif emendat l-aħħar permezz tar-Regolament (KE) Nru 1677/98 [4], jikkonsolida d-dispożizzjonijiet għal tmexxija ta' kwoti ta' tariffi li jintużaw skond l-ordni kronoloġiku tad-dati ta' aċċettazzjoni ta' dikjarazzjonijiet għar-rilaxx għal ċirkolazzjoni ħielsa u d-dispożizzjonijiet li jirregolaw is-sorveljanza ta' importazzjonijiet preferenzjali;

Billi kien miftiehem fin-negozjati għar-reviżjoni tan-nofs terminu tal-Konvenzjoni ta' Lome li bidliet għall-arranġamenti għandhom jkollhom effettt mill-1 ta' Jannar 1996; billi għalhekk għandha ssir dispożizzjoni għall-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament u t-tħassir tar- Regolamenti tal-Kummissjoni (KE) Nru 1280/94 [5], kif emendat l-aħħar permezz tar-Regolament (KE) Nru 896/95 [6], (KE) Nru 2763/94 [7], kif emendat l-aħħar permezz tar-Regolament (KE) Nru 2411/96 [8], u (KE) Nru 2942/95 [9], kif emendat permezz tar-Regolament (KE) Nru 982/96 [10] biex jkollu effett minn dik id-data;

Billi l-miżuri li hemm dispożizzjoni għalihom f'dan ir-Regolament huma konformi ma' l-opinjoni tal-Kumitat tal-Kodiċi Doganali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. Dazzji tad-dwana fuq prodotti elenkati fl-Anness A li joriġinaw fl-Istat AKP, rilaxxati għal ċirkolazzjoni ħielsa fil-Komunità u akkumpanjati bi prova ta' oriġini skond il-Protokoll ta' l-Oriġini għall-Konvezjoni jistgħu jitneħħew jew jiġu ridotti fil-limiti tal-kwoti ta' tariffi speċifikati f'dak l-Anness.

2. Il-kwoti tat-tariffi msemmijin f'dan l-Artikolu għandu jitmexxa mill-Kummissjoni skond l-Artikolu 308a sa 308c tar-Regolament (KEE) Nru 2454/93.

3. Kull Stat Membru għandu jiżgura li impurtaturi tal-prodotti in kwistjoni għandhom aċċess indaqs u kontinwu għall-kwoti sakemm il-bilanċ tal-volum tal-kwota rilevanti jippermetti dan

Artikolu 2

1. Dazji fuq prodotti elenkati fl-Anness B li joriġinaw fl-Istati AKP, rilaxxati għal ċirkolazzjoni ħielsa fil-Komunità u akkumpanjati minn prova ta' l-oriġini skond il-Protokoll ta' l-oriġini tal-Konvenzjoni jistgħu jitneħħew fil-limiti tal-livelli massimi tat-tariffi speċifikati f'dak l-Anness.

2. Il-livell massimu tat-tariffi msemmi f'dan l-Artikolu għandu jkun soġġett għal sorveljanza Komunitarja mill-Kummisjoni, b'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri, skond l-Artikolu 308d tar-Regolament (KEE) Nru 2454/93.

---

[1] ĠU L 215, ta' l-1.8.1998, p. 12.
[2] ĠU L 229, tas-17.8.1991, p. 3.
[3] ĠU L 253, tal-11.10.1993, p. 1.
[4] ĠU L 212, tat-30.7.1998, p. 18.
[5] ĠU L 140, tat-3.6.1994, p. 10.
[6] ĠU L 92, tal-25.4.1995, p. 12.
[7] ĠU L 294, tal-15.11.1994, p. 6.
[8] ĠU L 329, tad-19.12.1996, p. 8.
[9] ĠU L 308, tal-21.12.1995, p. 9.
[10] ĠU L 131, ta' l-1.6.1996, p. 43.

Artikolu 3

1. Id-dazji fuq prodotti elenkati fl-Anness C li joriġinaw fl-Istati ACP, rilaxxatti għal ċirkolazzjoni ħielsa fil-Komunità u akkumpanjati bi prova ta' l-oriġini skond il-Protokoll ta' l-Oriġini għall-Konvenzjoni jistgħu jitneħħew fil-limiti tal-kwantitajiet ta' riferenza speċifikati f'dak l-Anness, tali prodotti jkunu soġġetti għal sorveljanza Komunitarja.

2. It-teħid ta' kwantitajiet ta' riferenza għandu jiġi rreġistrat fuq livell Komunitarju bl-użu ta' data mibgħuta lill-Kummissjoni mill-Istati Membri skond l-Artikolu 308d tar-Regolament (KEE) Nru 2454/93.

Artikolu 4

Il-Kummissjoni, b'kooperazzjoni mill-qrib ma' l-Istati Membri, għandha tieħu kull pass meħtieġ għall-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 5

Ir-Regolamenti (KE) Nru 1280/94, (KE) Nru 2763/94 u (KE) Nru 2942/95 huma mħassrin permezz tal-preżenti.

Artikolu 6

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fil-ġurnata ta' wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Għandu japplika b'effett mill-1 ta' Jannar 1996.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jkun japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fis-17 ta' Settembru 1998.

Għall-Kummissjoni

Mario MONTI

Membru tal-Kummissjoni

L-ANNESS A

dwar il-prodotti msemmijin fl-Artikolu 1

Minkejja r-regoli għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Maghquda, l-kliem tad-deskrizzjoni tal-prodotti għandu jkun meqjus li għandu xejn aktar minn valur indikattiv, stante illi l-iskema preferenzjali tiġi stabbilita, fil-kuntest ta' dan l-Anness, bil-kopertura tal-kodiċijiet NM kif jeżistu fiż-żmien ta' l-adozzjoni tar-Regolament kurrenti. Fejn huma indikati ex kodiċijiet NM, l-iskema preferenzjali għandha tiġi determintat minn applikazzjoni tal-kodiċi NM u d-deskrizzjoni korrispondenti meħudin flimkien.

Nru tal-Ordni	Kodiċi NM	Subintestatura Taric (1 [1])	Deskrizzjoni	Volum tal-kwota kull sena jew perijodu indikat (f'tunellati)	Dazju tal-kwota (%riduzzjoni)
09.1613	ex 0702 00 00	01 02 03 04 05 06 15 16 17 18 19 20 60 61 62 63 64 65 80 81 82 83 84 85	Tadam żgħir, frisk jew imkessaħ, mill-15 ta' Novembru sat-30 ta' April	2 000	100 (*)
09.1601	ex 0702 00 00	08 09 10 11 12 13 22 23 24 25 26 27 68 69 70 71 72 73 88 89 90 91 92 93	Tadam, li mhux miż-żgħir, frisk jew imkessaħ mill-15 ta' Novembru sat-30 ta' April	2 000	60 (*)
09.1615	ex 0806 10 10	15	Għeneb tal-mejda, mingħajr żerriegħa, frisk mill-1 sal-31ta' Jannar	400	100

(*) Ir-riduzzjoni tapplika biss għar-rata ta' dazju *ad valorem*

(1) Il-kodiċI TARIC japplikaw biss mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru

Nru tal-Ordni	Kodiċi NM	Subintestatura Taric (1 [1])	Deskrizzjoni	Volum tal-kwota kull sena jew perijodu indikat (f'tunellati)	Dazju tal-kwota (%riduzzjoni)
09.1616	ex 0806 10 10	85	Għeneb tal-mejda, mingħajr żerriegħa, frisk mill-1 sal-31 ta' Jannar	400	100
09.1610	0808 10		Tuffiegħ, friski	1 000	50 (*)
09.1612	0808 20 10 0808 20 50		Lanġas, friski	2 000	65 (*)
09.1603	ex 0810 10 05		Frawli, friski mill-1 ta'Jannar sal-aħħar ta' Frar	1 600	100
	ex 0810 10 80		Frawli, friski mill-1 ta' Novembru sal-31 ta' Diċembru		

(*) Ir-riduzzjoni tapplika biss għar-rata ta' dazju *ad valorem*

(1) Il-kodiċI TARIC japplikaw biss mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru

L-ANNESS B

DWAR PRODOTTI MSEMMIJIN FL-ARTIKOLU 2

Minkejja r-regoli għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda, l-kliem tad-deskrizzjoni tal-prodotti għandu jkun meqjus li għandu xejn aktar minn valur indikattiv, stante illi l-iskema preferenzjali tiġi stabbilita, fil-kuntest ta' dan l-Anness, bil-kopertura tal-kodiċijiet NM kif jeżistu fiż-żmien ta' l-adozzjoni tar-Regolament kurrenti. Fejn huma indikati ex kodiċiijiet NM, l-iskema preferenzjali għandha tiġi determinata minn applikazzjoni tal-kodiċi NM u d-deskrizzjoni korrispondenti meħudin flimkien.

Numru tal-Ordni	Kodiċi NM	Subintestatura Taric (1)	Deskrizzjoni	Kwantitajiet ta' rifereneza kull perijodu ndikat (f'tunellati)
26.0010	ex 0804 20 10		Tin, frisk mill-1 ta' Novembru sat-30 ta' April	200

(1) Il-kodiċi TARIC huma validi biss mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru 1998

L-ANNESS C

DWAR PRODOTTI MSEMMIJIN FL-ARTIKOLU 3

Minkejja r-regoli għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda, l-kliem tad-deskrizzjoni tal-prodotti għandu jkun meqjus li għandu xejn aktar minn valur indikattiv, stante illi l-iskema preferenzjali tiġi stabbilita, fil-kuntest ta' dan l-Anness, bil-kopertura tal-kodiċijiet NM kif jeżistu fiż-żmien ta' l-adozzjoni tar-Regolament kurrenti. Fejn huma indikati ex kodiċiijiet NM, l-iskema preferenzjali għandha tiġi ddeterminata minn applikazzjoni tal-kodiċi NM u d-deskrizzjoni korrispondenti meħudin flimkien.

Numru tal-Ordni	Kodiċi NM	Subintestatura Taric (1)	Deskrizzjoni	Kwantitajiet ta' rifereneza kull perijodu ndikat (f'tunellati)
12.0105	ex 0805 10 10 ex 0805 10 30 ex 0805 10 50 ex 0805 10 84		Larinġ, friski jew imnixfin, mill-15 ta' Mejju sat-30 ta' Settembru	25 000
12.0115	ex 0805 20 10 ex 0805 20 30 ex 0805 20 50 ex 0805 20 70 ex 0805 20 90		Mandarins (inluż mandolin u satsumas); clementines, Wilkings u ibridi simili taċ-ċitru, friski jew nixfin, mill 15 ta' Mejju sat-30 ta' Settembru	4 000
12.0120	ex 0806 10 10	20	Għeneb tal-mejda, mingħajr żerriegħa, friski mill-1 ta' Frar sal-31 ta' Marzu	100

(1) Il-kodiċI TARIC huma validi biss mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru 1998